



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tat-12 ta' Marzu 2014 – American Express Marketing & Development vs UASI (IP ZONE *et*)

(Kawżi magħquda T-102/11 u T-369/12 sa T-371/12)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji verbali IP ZONE, EUROPE IP ZONE, IP ZONE EUROPE u EUROPEAN IP ZONE — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

1. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew ta' servizz — Għan — Obbligu ta' disponibbiltà (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punt 15)*
2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew ta' servizz — Kunċett (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punti 16, 17)*
3. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Evalwazzjoni tal-karattru distintiv — Kriterji (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punt 18)*
4. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew ta' servizz — Trade marks verbali IP ZONE, EUROPE IP ZONE, IP ZONE EUROPE u EUROPEAN IP ZONE (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punti 24, 26-36)*

Suġġett

Rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-1 ta' Diċembru 2010 (Każ R 1125/2010-2), u tat-12 ta' Ġunju 2012 (Każijiet R 1451/2011-2, R 1452/2011-2 u R 1453/2011-2), dwar applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, rispettivament, tas-sinjal IP ZONE u tas-sinjali EUROPE IP ZONE, IP ZONE EUROPE u EUROPEAN IP ZONE bħala trade marks Komunitarji.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 2) American Express Marketing & Development Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.